


# Mastru Piju Ebejer

## (1874-1931)

Kitba ta' Silvio Cassar mgħejjun minn Gabriel Caruana u Charles Cassar


*L-Imgħallem Piju Ebejer*

Piju Ebejer jew Mastru Piju kif kien magħruf, twieled fil-Belt Valletta fl-1874 fil-parroċċa ta' San Duminku, Porto Salvo. Iben Mastru Ġann u Carmela Ebejer, wara li twieled mar mal-familja tiegħu f'Ħal Balzan, pajjiż missieru.

Sa minn ċkunitu, Piju wera xewqa kbira għad-disinn u x-xogħol fil-ġebla Maltija. Billi missieru kien qed imexxi x-xogħol tal-bini tal-biċċerija l-qadima, Piju fl-età ta' 9 snin kien għamel mudell (*to scale*) tal-ġebel. Fuq dan, Lord Strickland ħariġlu 3 soldi kuljum sakemm jispiċċa x-xogħol tal-biċċerija. Piju baqa' jitħarreġ ma' missieru fid-disinn u fuq il-lavur tal-ġebla sakemm meta kellu 19-il sena ġie avviċinat mis-Sorijiet tal-Buon Pastur biex jibni kunvent ġdid fi Triq Idmejda, Ħal Balzan. Mastru Piju aċċetta mill-ewwel u ta' età żgħira impressjona lill-bennejja l-oħra kollha. Hawnhekk Piju ivvinta kif bid-dawrien tal-*Jack Roll* seta' jdaħħal il-ġebel fuq il-*wire* biex b'hekk ta bidu għall-makkinarju fl-industrija tal-bini. Dan kien għall-ħabta ta' l-1899.

Bis-suċċess u kapolavur tal-bini tal-kunvent tal-Buon Pastur huwa xtara parti kbira ta' Sqaq Idmejda, li llum saret Triq Idmejda, biex bena dar għalih u għall-ħaddiema. Kien bniedem karitattiv u kellu għal qalbu n-nies morda tar-raħal tant li ħa ħsieb li jibgħatilhom laħam u xkora ħobż darba fil-ġimgħa. Lill-ħaddiema li jweġġgħu fuq il-lant tax-xogħol li kien imexxi hu kien jagħtihom l-istess paga.

Piju ħaddem ħafna nies miegħu minn madwar Malta kollha kif ukoll Għawdxin. Għal ħafna drabi, hu kien jipprovdi trasport lill-ħaddiema li kienu joqogħdu 'l bogħod. Il-fama dejjem kibret miegħu. Tant hu hekk li miegħu ħaddem skulturi, mastrudaxxi, bennejja, kaħħala, żebbiegħa, dekoraturi, disinjaturi, periti u avukati. Bena u fassal il-ġebel tal-koppla tal-Kapuċċini tal-Furjana u l-*Lintron Barracks* (illum il-bini tal-MEPA). Fi Gwardamanġa bena knisja mingħajr permess tal-Gvern Kolonjali. Tqabbad biex iwaqqagħha, ipprotesta, tela' l-Vatikan u r-risposta kienet li la l-Gvern Kolonjali ma tax il-permess, huma ma jistgħux jindaħlu. Kontra qalbu kellu jħottha. Wara xi 50 sena, fil-viċinanzi nbniet knisja oħra, illum iddedikata lil Madonna ta' Fatima.

Għamel xi xogħol fil-bini tal-Militar f'St. Andrews u fl-Imtarfa, Villa Sunset u Villa Sunrise (djar kbar qrib il-Ġonna ta' San Anton) kif ukoll Villa l-Imħallef Refalo (il-parti l-antika tal-Corinthia Hotel) kollha f'Ħal Balzan, bena l-kampnar ta' l-Isptar St. Vincent De Paule, bena l-kampnar tal-knisja tat-Tereżjani f'Birkirkara kif ukoll immodifika d-disinn u dekorazzjonijiet oħra. Hu ta l-għajnuna fiżika kollha tiegħu meta splodiet il-fabbrika tal-Birra Cisk. Fil-proġett tal-*breakwater*, li kien nieda l-Gvern ta' Lord Strickland, Piju Ebejer intgħażel biex isegwi x-xogħol li sar b'tant suċċess. Bena sensiela ta' ġibjuni għall-ilma madwar il-gżejjer Maltin.

Piju Ebejer kien miżżewweġ lil Carmela née Michelizzi, Taljana minn Reggio Calabria (kienet toqgħod fil-kunvent tal-Buon Pastur għax kienet titgħallem tkanta) u kellhom 12-il wild... li wieħed kien proprju Wiġi Ebejer BEM li kien segretarju tal-każin tal-Banda San Gabriel (dak iż-żmien kien għadu taħt l-isem Għaqda San Gabriel). Hemm min jisħaq li kien proprju Mastru Piju li kien il-fundatur taċ-Circolo San Gabriele fl-1920. Forsi hu ma jsemmix fl-istorja però x-xjuħ tagħna jgħidu li kien hu li ħeġġeġ biex jinfetaħ każin ġdid. Tant hu hekk li minħabba li kien qed isir il-għbir għall-qniepen ġodda, inħass li l-festa m'għandhiex issir. Għalhekk hu ħadha qatta' bla ħabel kontra dawn in-nies u ta xi flus sabiex jinfetaħ każin ġdid u jmorru Birkirkara jikru xi armar ħalli jintrama għall-festa tal-Lunzjata ta' dik is-sena. Ta' min jinnota punt ieħor li Piju għex fi żminijiet tas-*Sette Giugno, 1919*... meta l-Maltin ħaduha kontra Gvern Kolonjali u hu kien favur riformi ġodda għall-poplu Malti għax hu kien dejjem jipprova jgħin lil ta' madwaru.

Bla dubju, Mastru Pi dejjem ipprova joħloq strutturi magħmula mill-ġebla Maltija bl-isbuħija kollha tagħha. Miet fl-1931 (fl-età ta' 57 sena) ...però hu fiċ-ċert li ħoloq *social welfare* li dawk iż-żminijiet kienu nieqsa bil-bosta u bla dubju għex ħajja kreattiva u artistika għal dawk iż-żminijiet.